ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT4/24/DS

Nazzareno Dimech

Vs

Celeste Mobile, Electronics & DVD Rentals

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-10 ta' Jannar, 2024 fejn li s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' erba' mija u ħames Ewro (€405) jew mobile ġdid u riżarċiment ta' ħamsa u erbgħin Ewro (€45) minħabba illi l-mobile illi xtara mingħandha huwa difettuz;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-istess soċjeta' intimata ma ġġustifikatx il-kontumaċja tagħhha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' lill-attur, bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni taż-żewġ partijiet.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, kif ukoll preżenta dokument numru ta' dokumenti.

Illi l-fatti in sucċint huma s-segwenti. L-attur qal illi xtara mobile Samsung A34 5G għall-prezz ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) li tiegħu it-Tribunal jinnota li ma ġiet preżentata l-ebda irċevuta. L-attur qal illi mal-ewwel gimgħa il-mobile beda jtella' avviż li jgħid illi hemm '*moisture*' fil-USB jew maċ-*charger* u li tal-ħanut talbu €45

biex inaddfu għaliex ma kienx kopert mill-garanzija. Il-mobile baqa' bl-istess difett wara xi 3 jew 4 darbiet li ħadu għat-tiswija.

Fid-dawl ta' dan huwa qiegħed jitlob mobile ġdid jew riżarciment għall-ammont li nxtara u l-flus illi nefaq.

Illi għalkemm l-attur ma provdiex irċevuti in-ness ġuridiku joħrog mill-fatt illi s-soċjeta' intimata fit-trattazjoni tagħha qalet illi "*qalgħet biss €20 minn din it-transazzjoni*" w'għaldaqstant irrikonoxxiet il-fatt illi l-*mobile* kien mixtri mingħandha. Illi *stante* illi s-soċjeta' intimata ma bagħtet l-ebda risposta u ma qalet xejn ħlief dawn il-kelmiet fit-trattazzjoni, il-verżjoni tar-rikorrenti kemm dwar il-prezz kif ukoll dwar meta kien mixtri l-mobile u kemm swiet it-tiswija m'hija bl-ebda mod kontradetta u t-Tribunal m'għandux raġuni valida għalfejn jaħseb illi l-attur mhux jgħid il-verita' taħt ġurament meta lanqas meta s-soċjeta' kontumaċi m'għamlet dawn il-punti fit-trattazzjoni tagħha.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha, b'dana illi s-soċjeta' intimata għandha tipprovdi mobile tal-istess għamla Samsung A34 5G lill-attur u riżarċiment ta' ħamsa u erbgħin Ewro (€45) jew, jekk dan mhux possibbli riżarċiment ta' erba' mija u ħames Ewro (€405) wara illi l-mobile difettuż jiġi ritornat lis-soċjeta' intimata jekk mhux diġa sar dan.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru